MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2011

Numru. 87/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Antoine Vella, 28 sena, iben Virginio u Joan Antida nee' Mercieca, imwieled New York, America, nhar it-3 ta' Awwissu, 1984, residenti fil-fond St. John, Triq il-Hgejjeg, Xewkija, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 81800(L)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l fuq imsemmi Antoine Vella li gie akkuzat talli nhar it-13 ta' Awwissu 2010, u fil-granet ta' qabel gewwa x-Xewkija Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, f'hinijiet differenti:

1. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ numru ta’ registrazzjoni falz ta’ vettura u numru jaqra FBC764;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal-haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-numru tar-registrazzjoni ta’ vettura jaqra’ FBC764.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali nadifa tal-imputat u l-fatt illi kkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 183 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qed tillibera lill-

imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------